MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2195/2002

**Alfred Delicata**

**Vs**
**Anthony Roberts Busuttil**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,300 (elf u tliet mitt lira maltin) prezz ta' twapet mibjugha u konsenjati.**

**Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra legali datata 9 ta' Mejju, 2002, u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut, fit-13 ta' Ottubru, 2003, naqas u ma deherx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispjjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------